MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Numru. 153/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Jeremy Ellul**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jeremy Ellul ta' 19-il sena, iben Joseph u Mary nee' Cremona, imwieled Zabbar nhar l-14 ta' Dicembru 1993, residenti JoeMar, Triq id-Drama, Hal Qormi u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 562893M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Frar 2012;

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (Mephedrone) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Akkuzat ukoll talli fis-seba' xhur ta' qabel is-26 ta' Frar 2012:

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali tieghu li hi wahda netta, il-fatt li kkopera mal-Pulizija u ghandu mpjieg.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 3 tal-Avviz Legali 22 tal-1985, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument HM, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------